MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Numru 578/2001

**PULZIIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**VS**

**PHILIP CORTIS**

**Illum 14 ta' Mejju 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Philip Cortis ta' 70 sena, bin il-mejjet Angelo u l-mejta Consulata mitwielda Muscat, imwieled Haz Zebbug fis-7 ta' April 1933 u joqghod "Cortis House", Bishop Caruana Street, Haz-Zebbug, bin-numru tal-karta ta' l-Identita' 276633 M;

Talli bejn il-11 ta' Frar 1992 u t-18 ta' Novembru 1998, bhala d-detentur tal-fond "Cortis Hse", Bishop Caruana Street, Haz-Zebbug;

B'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-konsum elettriku, jew li bihom seta' iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita' mehuda jwe ikkonsmata ikkommetti serq tal-kurrent elettriku li l-valur tieghu jammonta ghal Lm188.66,4, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.

Wara illi rat l-Artikoli 261B, 278 u 283 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li rat id-dokumenti ezebiti u semghet ix-xhieda prodotta;

U wara illi l-Qorti rat illi ma jirrizultawx il-provi, din il-Qorti ma' tistax issib lill-imsemmi Philip Cortis hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u qeghda tilliberah.

---------------------------------TMIEM---------------------------------